MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 632/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Silvia Stanica (Id. 0029342M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ tmien mija, hamsa u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€825.45) minghand il-konvenuta, rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99263777. U minkejja li giet interpellata sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes, inkluzi tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, hamsa u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€825.45), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------